**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**30 ta' Mejju 2019**

**Rikors Numru 52/2017**

**Raymond Cutajar**

**Vs**
**L-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ipprezentat minn **Raymond Cutajar** fl-4 ta' Ottubru 2017 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:

> *"Illi l-appellant jiggestixxi garaxx licenzjat fejn isiru t-testijiet tal-VRT u dana gewwa l-fond 'Ray Cut VRT Station', Triq E. Cremona, San Gwann.*
>
> *Illi l-appellant tramite ittra datata l-15 ta' Settembru, 2017 ta' l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta gie infurmat li b'konsegwenza tal-fatt li kien naqas milli jhares ir-'Regolamenti dwar Testijiet biex Jiccertfikaw li Vetturi bil-Mutur huma Tajba ghat-Triq' (L.S. 65.15) kien qieghed jigi sospiz mill-operat tieghu kif ukoll jintalab ihallas multa amministrattiva.*
>
> *Illi l-appellant, aggravat bid-decizjoni tal-Awtorita' appellata, qieghed permezz tal-prezenti rikors iressaq dan l-umli appell liema aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:*
>
> *Illi m'huwiex minnu li meta l-appellant ikkonduca VRT test fuq il-vettura tat-tip Renault bin-numru tar-registrazzjoni SIX-376, inhareg rizultat pozittiv ta' l-istess test meta dan kellu juri li t-test falla minhabba incorrect brake imbalance. Id-diskrepanza li kien hemm bejn l-ewwel readings, u cioe 584-591 (dokument immarkat 'A1' anness ma' dan ir-rikors) u t-tieni*

*readings, u cioe 602-634 (dokument immarkat 'A2' anness ma' dan ir-rikors) kienet tirrizulta minn differenza fid-dynamics, xi haga normalissima f'dawn it-tipi ta' testijiet semi-manwali.*

*Illi huma l-persentaggi tal-Imbalance fuq l-iscreen shots (dokumenti mmarkat 'A1' u 'A2' annessi ma' dan ir-rikors) li huma zbaljati u dan kif wiehed jista jara kemm b'semplici kalkolu u/jew billi jhares lejn ir-rizultati fuq it-tables annessi (dokumenti immarkati 'A1x' u 'A2x' annessi ma' dan ir-rikors) li taghhom l-iscreen shots huma riflessjoni user friendly.*

*Illi dan l-izball jirrizulta minn problema fis-software li permezz tieghu gew riflessi z-zewg rizultati ta' dawn iz-zewg testijiet. Huwa ghal din ir-raguni li l-persentaggi tal-Brake Imbalance hekk kif deheru fl-iscreen shots huma skorreti. Hu car li z-zewg readings kellhom jigu ferm inqas kif ser jigi spjegat ahjar f'dawn il-proceduri.*

*Illi l-appellant qieghed joggezzjona bil-qawwa ghal mod kif il-garaxx tieghu qieghed jigi deskritt bhala 'derelict' u qieghed jinsisti li huma biss 'spare parts' li ghandu u li huma migburin mal-gnub tal-garaxx b'mod li ma jfixkluhx milli jaghmel xogholu. Il-pit kien liberu u wiehed seta' jdur facilment f'dan l-ispazju anki biex wiehed ikun jista jdur mal-vettura u jsiru t-testijiet necessarji minghajr hjiel ta' diffikulta jew inkonvenjent.*

*Illi l-appellant dejjem jahdem flimkien ma' assistent li jittestja, izda fil-gurnata tal-ispezzjoni dan inzerta kien qieghed bil-leave u ghal din ir-raguni biss li l-appellant kien jinsab wahdu gewwa l-garaxx dak in-nhar.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti filwaqt li jirreferi ghall-kontenut ta' dan ir-rikors u ghad-decizjoni tal-Awtorita' appellata tal-15 ta' Settembru, 2017, umilment jitlob bir-rispett lil dan it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva sabiex in vista tal-premess isib li r-rikorrenti bl-ebda mod ma naqas fl-obbligi tieghu u konsegwentement tordna lill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta tirtira l-ittra taghha tal-15 ta' Settembru, 2017 jew dawk il-partijiet minnha, kif ukoll tirtira l-penali u'jew multi minnha imposti minghajr raguni validi skond il-Ligi."*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` ghat-Trasport f'Malta** datata 18 ta' Ottubru 2017 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

*"Illi preliminarjament in-nullita' tar-rikors promotur stante illi -*

*(i) assolutament mhuwiex car u ma giex dikjarat jekk ir-rikorrent Raymond Cutajar hux qieghed jappella mid-decizjoni moghtija mill-Awtorita' fil-konfront tieghu qua operatur jew inkella mid-decizjoni moghtija mill-Awtorita' fil-konfront tieghu qua tester;*
*(ii) l-aggravji mressqa mill-appellant ma jindirizzawx l-offizi kollha illi taghhom l-Awtorita' ddikjaratu hati permezz tad-decizjoni nkwadrata fl-ittra tal-15 ta' Settembru, 2017 u, adezempju ma gie sollevat ebda aggravju mis-sejbien ta' htija tieghu qua operautr illi kien jopera l-VRT station minghajr assistant tester.*

*2. Illi d-decizjoni tal-Awtorita' rispondenti kif notifikata lir-rikorrent Raymond Cutajar permezz tal-ittra taghha datata 15 ta' Settembru, 2017 hija wahda gusta, korretta u skont il-ligi u ghalhekk*

*ghandha tigi konferma u r-rikors prezentat mir-rikorrent appellant ghandu jigi michud bl-ispejjez, u dan ghar-ragunijiet li se jigu hawn imtennija.*

*3. Illi l-aggravju tar-rikorrent minn dik il-parti tad-decizjoni tal-Awtorita' li tinfliggi fuqu punti penali talli nhareg Passed Test Result meta fir-realta' kellu jinhareg Failed Test Result huwa kompletament infondat tenendo kont tal-fatt li bejn l-ewwel rizultat, meta nhareg il-Passed Test Result, u t-tieni rizultat meta l-VRT Test rega' gie maghmul fil-prezenza tal-ufficjal tekniku tal-Awtorita' George Farrugia, hemm diskrepanza ta' 15-il punt percentwal u cioe' 30% fir-rizultat tal-ewwel test kondott fid-9.25hrs u 45% fir-rizultat tat-tieni rizultat kondott fid-9.51hrs u dan bejn l-ewwel test u t-tieni test il-vettura de quo agitur qajla nstaqet u certament li m'ghaddiet minn ebda cirkostanzi tali li ghandhom iwasslu ghal diskrepanza daqstant qawwija.*

*4. Illi l-iskuza migjuba mir-rikorrent appellant fis-sens li "dan l-izball jirrizulta minn problema fis-software" assolutament ma jregix u dan anke in vista tad-dikjarazzjoni rilaxxata minn David Gatt ghan-nom ta' Utech Limited fit-12 ta' Awwissu, 2017 fejn jiddikjara illi s-software tar-rikorrent tinsab "in good working order as it should be by law". Din id-dikjarazzjoni li kopja taghha qed tigi hawn annessa bhala Dok. 'A', hija datata 12 ta' Awwissu, 2017 u cioe' ftit jiem biss wara li saret l-ispezzjoni inkwistjoni.*

*5. Illi l-aggravju migjub mir-rikorrent kontra dik il-parti tad-decizjoni tal-Awtorita' li fiha sabitu hati bhala operatur ta' nuqqas ta' ndafa fil-VRT Station huwa kompletament infondata ghaliex il-VRT Station inkwistjoni, anke fil-parti fejn isiru l-VRT tests, huwa kollu kemm hu mimli mbarazz ta' kull tip inkluz vettura abbandunata, kaxxi tal-kartun u addirittura washing machine kif evidenzjat mir-ritratti li qed jigu hawn annessi bhala Dks. 'B1-B3'.*

*6. Illi ghal dawn il-motivi l-appell interpost mill-appellant ghandu jigi michud bl-ispejjez kollha kontra tieghu."*

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti hassu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` intimata kontenuta f'ittra datata 15 ta' Settembru 2017 li permezz taghha gie mgharraf illi kien qieghed jigi sospiz l-operat tieghu *qua tester* u wkoll li kienu qeghdin jigu mposti punti ta' penalita` kemm bhala *tester* u kemm bhala operatur u giet imposta wkoll multa ta' hdax-il elf, tliet mija u hamsa u tmenin ewro (€11,385) bhala multa amministrattiva ghan-nuqqasijiet tieghu *qua* operatur.

Illi skond l-istess ittra l-infrazzjonijiet riskontrati kienu s-segwenti u cioe`:

1. Vettura bin-numru ta' registrazzjoni SIX 376 ghaddiet mill-VRT test meta din kellha zbilanc fil-brejkijiet;
2. Ghamel it-test tal-istess vettura minghajr l-ghajnuna ta' *assistant tester;* u
3. Il-VRT station ma kinitx mizmuma nadifa kif suppost.

In succint **ir-rikorrent** xehed illi huwa ghandu VRT *station* u huwa mekkanik ukoll b'esperjenza ta' hamsa u erbghin sena. Jispjega li fil-31 ta' Lulju 2017 huwa ghamelt VRT *test* fuq il-vettura in kwistjoni u hargilha *Pass certificate.* Jispjega li ftit wara din il-vettura regghet dahlet fil-garaxx fuq ordni ta' George Farrugia, ufficjal tal-Awtorita` intimata, u ordnalu jaghmel test iehor. Fl-istess hin Farrugia staqsih fejn kien l-*assistant tester* u r-rikorrent staqsih jekk riedx li t-*test* isir xorta minghajr *assistant tester* u Farrugia wiegbu li iva. Jghid li meta hareg ir-rizultat tat-tieni test harget differeza fl-izbilanc tal-brejkijiet ta' 45% meta din mhux suppost tkun iktar minn 30%. Ix-xhud jispjega illi ghalkemm l-izbilanc gie oghla milli suppost b'semplici kalkolazzjoni seta' johrog ir-rizultat finali li kien jidhol fil-limitu. Huwa jispjega li fir-rigward tal-affarijiet li kien hemm fil-garaxx dawn ma kienu qed ifixklu bl-ebda mod it-testijiet u lanqas joholqu xi perikolu ghall-klijenti.

In kontro-ezami r-rikorrent stqarr illi l-magna installata fil-garaxx tieghu kull ma kienet qed taghmel hazin kienet l-interpretazzjoni tal-*imbalance.* Jispjega li fil-fatt meta f'Ottubru ta' qabel l-ispezzjoni in kwistjoni kienet saret il-*calibration* huwa kien gibed l-attenzjoni tat-tekniku pero` is-sistema baqghat kif kienet. Jispjega wkoll illi fix-xhur precedenti ghall-ispezzjoni in kwistjoni kienu sarulu diversi spezzjonijiet fejn qatt ma ngibditlu l-attenzjoni ghall-kwisjtoni tal-*imbalance*. Jispjega li l-interpretazzjoni zbaljata kienet fis-*summarized report* tal-VRT mentri d-*detailed report* kien tajjeb.

**David Gatt**, rapprezetant tal-AREX Test Systems gewwa Malta, liema Kumpanija tissupplixxi s-sistema ta' VRT installata fil-garaxx tar-rikorrent, jispjega li r-rikorrent kien infurmah illi ried kjarifika fuq is-sistema tal-brejkijiet. Ghalhekk mar fil-garaxx in kwistjoni, ghamillu *full calibration* tas-sistema tal-brejkijiet u hariglu certifikat. Jispjega li s-sistema kienet qieghda tahdem tajjeb kemm qabel u kemm wara l-*calibration*. Jispjega li l-kwistjoni kienet li s-*summary* tar-rizultat tal-VRT kienet qed taghti *average* iktar gholi milli suppost. Dan ifisser illi vettura fis-*summary* tista' tidher li kienet vicin li ma tghaddix mentri fil-verita` l-vettura kienet tghaddi mit-*test*. Ghalhekk huwa baghat *email* lill-manifattur u hareg *update* tas-sistema biex it-*test* ikun aktar car.

**Joseph Mifsud**, *technical manager* mal-Awtorita` intimata, xehed illi li r-rikorrent ghamel kalkolazzjoni tal-izbilanc tal-brejkijiet u cioe` kemm karozza tiddevja lejn ix-xellug jew lejn il-lemin waqt li jkun qieghed jigi applikat il-brejk. Jispjega wkoll li f'VRT irid isir ukoll it-test tal-*brake efficiency* li ghalih hemm bzonn li jigi kkaluklat il-piz tal-vettura. Jispjega li fil-kaz odjern il-piz tal-vettura ma giex ikkalkulat mill-apparat installat fil-garaxx tar-rikorrent u ghalhekk ma harigx rizultat tas-*service break efficiency u tal-parking brake efficiency* kif muri fuq Dokument JM1 u Dokument JM2 a fol. 76 u 77 tal-process. Ghalhekk sahaq li minghajr dan ir-rizultat ir-rikorrent ma setghax johrog certifikat ta' *Pass*. Jispjega li f'kaz li ma jkunx jista' jinhareg qarimis-sistema, bhal perezempju fil-kaz ta' *quad bike*, huwa permissibbli li r-rizultat jinhadem manwalment. Pero` r-regola ghandha tkun li t-test isir mis-sistema u mhux fuq kalkolazzjoni tat-*tester*. Fir-rigward tal-kwistjoni li r-rikorrenti gie penalizzat ghaliex ma kellux *assistant tester* ix-xhud spjega li l-ligi f'Malta hija li biex isir test irid ikun hemm *assistant tester* flimkien mat-*tester*. Jghid li ghalkemm in-nuqqas ta' *assistant tester* tista' tkun prassi accettata f'xi pajjizi barranin, sa issa f'Malta mhix accettata.

In kontro-ezami x-xhud stqarr illi jekk is-sistema ma tirregistrax il-piz tal-vettura, allura l-efficjenza tal-*brejk* ma tkunx tista' tigi kalkulata. Jispjega li biex l-Awtorita` intimata tohrog licenzja lil operatur ta' VRT *station* irid ikollu l-apparat kalibrat u approvat minnha. Jishaq li kull rizultat ghandu johrog *by default* mill-apparat u mhux mill-kalkolazzjonijiet li talvolta jista' jaghmel ir-rikorrenti. Huwa jiccara li huwa qatt ma qal li r-rikorrent kien ta xi rizultat hazin. Li qieghed jishaq fuqu huwa li l-apparat mhux qed jahdem sew.

**George Farrugia**, *principal technical officer* mal-Awtorita` intimata, xehed illi kien qieghed jaghmel spezzjoni normali fil-VRT *stations* meta ra karozza hierga mil-VRT *station* tar-rikorrent u rega' dahhalha lura ghal *retest*. Jispjega li ghalkemm din il-vettura kien inhargilha *Pass*, fir-*retest* m'ghaddietx mit-test tal-brejkijiet. Jispjega li r-rikorrent spjegalu kif jahdem ir-rizultat pero` hu qallu li ma jistghax ibaghbas ir-rizultat u li jekk jinduna li ghandu xi apparat bil-hsara irid jieqaf mill-ewwel. Jispjega wkoll illi r-rikorrent ma kienx qieghed jigi mghejjun minn *assistant tester*. Ix-xhud innota wkoll illi fil-garaxx kien hemm xi oggetti li kienu ta' perikolu peress li kienu vicin hafna t-*test lane*. Jispjega li xi xahar u nofs qabel din l-ispezzjoni kien kellem lir-rikorrent u avzah biex ma jkomplix jimla l-garaxx bl-affarijiet.

In kontro-ezami x-xhud spjega illi meta l-vettura in kwistjoni giet ittestjata fil-presenza tieghu din ma ghaddietx mit-test. Mistoqsi jekk il-VRT jistghax isir minghajr il-piz attwali tal-vettura wiegeb li ma jistghax.

**Ikkunsidra:**

Illi id-decizjoni appellata ghandha principalment tlett (3) infrazzjonijiet u cioe`:-

(1) Il-kwistjoni tar-rizultat tal-brejkijiet;
(2) Il-kwistjoni tal-imbarazz u perikolu li l-Awtorita` allegat li kien hemm fil-garaxx fejn kienu qeghdin isiru t-testijiet tal-VRT,
(3) Li ma kellux assistent mieghu waqt it-testijiet tal-VRT.

Illi t-Tribunal ha jghaddi biex jezamina **l-ewwel kwistjoni** dwar it-test tal-brejkijiet fir-rigward tal-vettura tat-tip Renault bin-numru ta' registrazzjoni SIX-376. Jirrizulta illi din il-vettura kien ghadu kif sarilha test mir-rikorrent u ghaddiet minnu (Dokument A1 a fol. 3) Malli harget fit-triq l-ispetturi tal-Awtorita` intimata regghu dahhluha ghal *retest* fejn ma ghaddietx mill-*brake imbalance test* li ma jridx jissupera l-valur ta' 30% (Dokument A2 a fol. 5). Illi t-testijiet kompleti jinsabu esebiti bhala Dokument JM1( a fol. 76 li huwa t-test originali) u Dokument JM2 (a fol. 77 li huwa r-*retest)*.

Illi minn Dokumenti JM1 u JM2 it-Tribunal jinnota illi fejn suppost jiddahhal il-piz tal-vettura li jkun qieghed isirilha t-test, dan thallha vojt. Ir-rikorrent min-naha tieghu ta spjegazzjoni shiha li ghalkemm dan thalla vojt xorta wahda, bil-kalkolazzjonijiet tieghu, jista' jintlahaq rizultat. Fil-fatt huwa elabora dwar dawn il-kalkolazzjonijiet li jaghmel u li skont hu jaghtuk rizultat kif suppost. Min-naha l-ohra Joseph Mifsud esebixxa estratt mill-MOT Inspection Manual li jghid li "*for the majority of vehicles, the MOT Testing Service will calculate brake imbalance automtically. However, where this is not the case, such as for tricycles and quadricycles, **or if MTS is not working**[1], brake imbalance is calculated against the maximum brake efforts on each axle as follows:*

$$\frac{\textbf{Higher brake effort – Lower brake effort}}{\textbf{Higher brake effort}} \times 100 = \%\ \textbf{imbalance.''}$$

Fir-rigward tal-*brake efficiency* l-imsemmi manwal jghid is-segwenti:

[1] Enfasi tat-Tribunal

*"For the majority of vehicles, the MOT Testing Service will calculate brake efficiencies automatically.*
***If MTS is not working***[2]*; add the brake efforts from each wheel for the system under test and carry out the following calculation:*

*% Efficiency =* ***<u>Total brake effort</u>  x 100***
***Vehicle test weight"***

Illi ghalhekk filwaqt li dan it-test, kif qal ir-rikorrent, jista' jsir b'kalkolazzjonijiet matematici, it-Tribunal jinnota illi dan huwa indikat biss f'kazijiet fejn ma jkunx qieghed jahdem l-apparat. Dan ifisser li din hija l-eccezzjoni u mhux in-norma. In-norma hu li t-test isir bl-apparat u mhux bil-kalkolazzjonijiet tat-*tester*. Illi f'dan il-kaz gie stabbilit illi l-magna tal-VRT kellha problema biex tohrog rizultat tal-*brake efficiency* u tal-*brake imbalance*. Din il-problema kienet ilha tezisti diversi xhur tant li r-rikorrent kien kellem lit-tekniku fuqha pero` qatt ma nghata xi forma ta' soluzzjoni. Minkejja dan ir-rikorrent baqa' xorta jaghmel it-testijiet tal-VRT u jaghmel il-kalkolazzjonijiet.

Illi t-Tribunal ihoss li r-rikorrent kien qieghed jonqos fil-process tal-ittestjar tal-vetturi. Ladarba hemm sistema u din mhux qed tahdem, ma setghax jinjora d-difett u jibqa' jaghmel il-kalkolazzjonijiet, anke jekk dawn, ghall-grazzja tal-argument jista' jkunu tajbin, u dan ghaliex se jirrizultaw diskrepanzi kif fil-fatt irrizultaw fil-kaz odjern. Dan qieghed jinghad ghaliex fit-test il-vettura in kwistjoni, bl-interpretazzjoni moghtija mir-rikorrent ghaddiet mill-*brake imbalance* filwaqt li fir-*retest*, bil-kalkolazzjonijiet ghal darb'ohra tar-rikorrent, ma ghaddietx. Illi t-Tribunal wara li ezamina z-zewg testijiet li saru u li jinsabu esebiti a fol. 76 u 77 ma jistghax jaccetta illi fis-*summarised report* jithallew valuri murija bhala N/A. Ir-rizultat ta' kull *item* tat-test irid ikun FAIL jew PASS. Ghalhekk, anke jekk ghall-grazzja tal-argument, ir-rikorrent qieghed jaghmel il-kalkolazzjonijiet tajbin, sakemm ma tavverax ruhha xi wahda mic-cirkostanzi msemmija iktar 'il fuq, it-test irid isir bl-apparat u mhux bil-kalkolazzjonijiet. Din il-kwistoni kollha jirrizulta li kienet biss kwisjtoni ta' *upgrade* (ara Dokument B3 a fol. 43) u fil-fatt f'*email* mibghuta fit-22 ta' Settembru 2017 minn Taco Guijt, ufficjal ta' Arex Test Systems B.V., lil David Gatt u lir-rikorrent, gie spjegat is-segwenti:

*"Attached you find the latest changes from the MOT, your software should be updated to calculate the imbalance according to these changes.*

---

[2] Enfasi tat-Tribunal

*In the old software the imbalance is calculated as the maximum difference over the measured data up to the maximum brake value. In the new softwre the imbalance is the difference on the maximum brake value, this method is used in almost all other countries as well.*

*The old calculation of the imbalance in the MOT has led to a lot of misunderstanding, because the imbalance value was different on every test. This seems to be the cause in your issue as well, this has nothning to do with safety, it is just a shortcoming in the old way of imbalance calculatiuon."*

Minkejja li r-rikorrent gie dirett biex jaghmel *upgrade* tas-sistema, lil dan it-Tribunal ma jirrizultax li dan sar u r-rikorrent baqa' jsostni sal-ahhar illi dak li qieghed jaghmel huwa korrett u dan meta l-istess Kumpanija li fornietlu l-apparat indikatlu l-problemi li s-*software* l-antik kien qieghed jiggenera. Tajbin kemm huma tajbin il-kalkolazzjonijiet tar-rikorrent, ir-rizultat ghandu jkun wiehed li johrog mis-sistema la darba dan hu possibbli.

Ghaldaqstant f'dan ir-rigward l-Awtorita` intimata kellha ragun tiehu d-decizjoni li hadet.

**It-tieni kwistjoni** li se tigi ezaminata huwa jekk l-Awtorita` intimata kinitx gusta fid-decizjoni taghha meta imponiet punti ta' penalita` u l-konsegwenti multa amministrattiva ghaliex il-VRT *station* kienet mahmuga u ta' perikolu. Illi mir-ritratti esebiti mill-Awtorita` intimata jirrizulta ampjament car illi l-ambjent fejn qed isiru t-testijiet huwa wiehed ingumbrat b'oggetti li ghalkemm mhux daqstant ta' perikolu ghan-nies in generali, huma ta' perikolu ghar-rikorrent u jimpeduh milli jahdem kif suppost u dan ghaliex wiehed mill-gnub u wara tat-*test lane* huma ghal kollox mimlija b'affarijiet li m'ghandhomx x'jaqsmu mal-ittestjar tal-vetturi.

Illi dwar **it-tielet infrazzjoni**, u cioe` li r-rikorrent ma kellux assistent fil-gurnata li saret l-ispezzjoni, din giet ammessa u ghalhekk m'hemmx lok li dan it-Tribunal jiddelunga dwar l-istess.

Illi ghalhekk in-nuqqasijiet fir-rigward tat-test tal-*brakes* jaghti lok ghal infrazzjoni kemm bhala *tester* u kemm bhala operatur ghaliex ir-rikorrent ma ghamilx it-test komplur kif suppost kellu jsir. Ma kien hemm l-ebda skuza ragjonevoli ghala dan ma sarx. Kull ma kellu jsir huwa *update* tas-*software* pero` r-rikorrent injora dan l-appell li sarlu mill-fornitur u baqa' jinsisti li xorta seta' jibqa' jahdem kif kien qieghed jahdem, u cioe` li jaghmel il-kalkolazzjonijiet hu. Jekk ir-rizultat kienx tajjeb jew le huwa irrilevanti. Jekk ghandek apparat li jaghmel it-test ir-rikorrent

kellu jara li dan qieghed jahdem kif suppost u f'kaz biss ta' emergenza li jghaddi biex jaghmel il-kalkolazzjonijiet mod iehor. Minflok ghamel dan, ir-rikorrent ghamel il-kalkolazzjonijiet in-norma u mhux l-eccezzjoni.

Ghaldaqstant it-Tribunal ma jsib xejn x'jista' jiccensura mid-decizjoni appellata.

**DECIDE**

Ghaldaqstant it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, qieghed filwaqt li jastjeni milli jiehu konjijzzjoni tal-ewwel eccezzjoni stante li din giet irtirata mill-Awtortia` intimata, jichad l-appell tar-rikorrent u jilqa' r-rimanenti eccezzjonijiet.

Bl-ispejjez a karigu tar-rikorrent.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**